**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Alfred Attard, iben Paul u Helen xebba Testa, imwieled nhar l-14 ta' Jannar, 1970, f'Attard, residenti 285, Micallef & Vella, Flat 7, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita` 43970(M)**

***Numru: 91/2019***

Illum, 27 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alfred Attard** u cioe` talli:

Nhar il-31 ta' Jannar, 2019, għall-ħabta tad-9:30am fil-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex:

1. Hedded bil-kliem lil Victor Borg;

2. Kiser il-bon ordni w l-paċi pubblika bl-għajjat u storbju;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma ħalliex lill-persuna ta' Victor Borg jagħti tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża, ċivili jew kriminali, jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiemha u dan bi ksur tal-Artikolu 111 tal-Kap 9.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi b'verbal maghmul nhar is-27 ta' Novembru, 2019, il-partijiet ezentaw lill-Qorti mill-provi gja` prodotti u cioe` l-affidavit ta' **PS698 Shaun Tabone**[1] u l-okkorenza ossia l-**Current Incident Report**.[2]

Permezz tal-**affidavit** minn tieghu **PS698 Tabone** jiddikjara li fil-31 ta' Jannar, 2019, waqt li kien qed jistenna fl-awla ingibdet l-attenzjoni tieghu li fil-kurridur, barra l-awla, kien ghaddej argument bejn zewgt irgiel. *"Jien hrigt immedjatament fejn avvicinani certu Victor Borg….u qalli li huwa kien ghadu kemm gie mhedded minn certu Alfred Attard."*. Attard mill-ewwel cahad l-allegazzjoni.[3]

Fil-**Current Incident Report** maghmul mill-istess Surgent Tabone jerga' jigi msemmi kif fil-31 ta' Jannar, 2019, waqt li s-Surgent kien fl-awla, intalab jaghti l-assistenza tieghu peress li kien skatta argument barra l-awla. Victor Borg avvicinah u *"ppunta subajgh lejn persuna ohra maskili w qal li dan kien allegatament heddu li ser joqtlu jekk jispicca l-habs"*. Investigazzjoni li ghamel is-surgent zvelat li Borg kellu jaghti x-xhieda tieghu fi proceduri kriminali fil-konfront ta' Alfred Attard.[4]

**PS698 Shaun Tabone** ddeskriva kif kien mitlub johrog mill-awla li fiha kien qieghed peress li qam argument fil-kurridur barra l-awla. Victor Borg avvicinah u *"ippunta subgħajh lejn persuna oħra maskili u qalli li dan kien allegatament heddu li ser joqtlu jekk jispiċċa l-ħabs. Il-persuna l-oħra irriżulta li jismu Alfred Attard, detentur tal-karta tal-identità 43970M li qiegħed fl-awla u li qiegħed nagħrfu... Avviċinajt lil Alfred Attard fejn huwa beda jinnega u qalli li mhux vera. Iwwornjajtu u għidtlu.... iwwornjajtu u għidtlu "Ara ma tibqgħux sejrin biha! bħal speċi."*.[5]

**Silvana Grech**, deputat registratur, esebiet lista tal-kawzi li nstemghu quddiem l-Onor. Magistrat Dr. Joseph Mifsud nhar il-31 ta' Jannar, 2019. Fost il-kawzi li

---

[1] **Dok.A** a fol.10
[2] **Dok.B** a fol.11-13
[3] Fol.10
[4] Fol.12-13. Kopja ohra **Dok.ST** a fol.54-56
[5] Fol.52-53

kienu ffissati ghal dakinhar kien hemm in-numru 21 fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs ATTARD ALFRED".***[6]

**Victor Paul Borg** spjega li kien mharrek bhala xhud mill-pulizija biex jixhed f'kawza li kienet tirrigwarda xoghol li ghamel l-imputat. Ma jiftakarx kif kien beda d-diskors ma Attard izda dan kien gja cempillu qabel u semmielu kliem fis-sens li hu, Attard, kien stqarr mal-pulizija li x-xoghol ghamlu lil Borg bhala hbieb. Borg dakinhar ma kienx merrieh. *"Xħin konna qegħdin barra l-awla qalli, "issa, tgħidilhomx li tajtni x-xogħol." Għidtlu, "jien mhux ħa nigdeb hawn." Imbagħad beda jheddidni…. qalli, "jien immur il-ħabs **se jkollok problemi kbar miegħi, ħa tlaqqatha,"** u baqa' sejjer hekk,…Qalli, **"ħa jkollok problemi kbar miegħi ħafna."** Qalli, **"jien ma nibża' minn ħadd," qalli "qed ngħidhielek il-Qorti stess, minn ħadd ma nibża', il-problemi kbar kbar ħa jkollok miegħi."…..** li niftakar żgur **"ħa jkollok problemi kbar miegħi!"** u dik niftakar żgur, ħaġa oħra qalli, **"Jien ma nibża' minn ħadd, għalhekk qiegħed ngħidhielek fil-Qorti stess għax ma nibża' minn ħadd."** <u>Dawk li niftakar żgur</u>. Fi stadju minnhom meta kien jitkellem imbagħad bdejt nirrekordjah, kelli recorder miegħi u bdejt nirrekordjah u hemm parti tal-konverżazzjoni qiegħda għandi recorded. Ma erġajtx smajtha minn dakinhar sal-lum jiġifieri qed niftaħ, li niftakar mill-memorja.".*[7]

Borg esebixxa *audio-recording*[8] fejn identifika l-vuci tieghu kif ukoll dik tal-imputat.[9] Malli semghu jheddu, iddecieda jixghel ir-*recorder* li kellu fil-basket u halla lil Attard jitkellem. Borg ikompli *"niftakar ċar jiena ġo moħħi, it's in my mind, ċar żgur, li qalli, "jekk ħa mmur il-ħabs," biha beda, qalli, "jekk ħa mmur il-ħabs," jew xi ħaġa hekk, "ħa jkollok problemi kbar miegħek," u mingħalija qal, "ħa npattihielek.""*[10]

Borg jixhed li d-diskors beda meta hu gharraf lill-imputat li talli hu ma kienx mar ghall-kawza li kien hemm fil-konfront ta' Borg, Attard kien wehel multa (talli ma deherx). Ikompli *"Hu qalli xi ħaġa "x'ġara?" u għidtlu x'ġara u qalli, għax imbagħad ġiet xi ħaġa, id-diskors ġie xi ħaġa li qalli, speċi, ma nafx kif ġie eżatt, imma li "issa oqgħod attent x'tgħidilhom," jew "għidilhom li għamilniha ta' ħbieb," jew xi ħaġa hekk, u kien qalli fuq it-telephone ukoll, "isma', jiena għidtilhom li għamilthielek ta' ħabib," etc, etc, u jiena għidtlu, "le, il-Qorti jafu kollox," għidtlu, "jien diġà xhedt kollox," għidtlu, "m'inhiex ħa nigdeb il-Qorti."…. żgur ma kintix ta' ħbieb!......dan tlabtu jagħmilli biċċa xogħol ta' private investigator….. dan qatt ma kien ħabib tiegħi. Jiġifieri dan tajtu x-xogħol, għamilli x-xogħol, xħin ħeles ried il-flus dak il-ħin stess, anzi….[Il-Qorti: Mela dik id-differenza, ma kinitx amiċizja; kienet bi ħlas.]….Bi ħlas…….. li fhimt jien jew l-implikazzjoni ta' li qed jgħid jew il-mod forsi ċar kif*

---

[6] **Dok.SG** a fol.58
[7] Fol.26
[8] **Dok.VB**
[9] Fol.27
[10] Ibid.

*qalhom, ma niftakarx il-kliem eżatt, hu li nixhed b'tali mod li jidher li m'għamillix xogħol, li jeħles mill-akkuża li kien akkużat biha. U hemmhekk għidtlu, għidtlu, "isma', jien diġà xhedt kollox," għidtlu, "Il-Qorti għandhom il-karti kollha," u bażikament imbagħad hemmhekk beda t-theddid, qalli, "aħna mhux hekk fthemna, fthemna b'mod differenti,"…. Imbagħad qalli, "jekk immur il-ħabs..." mela, "jekk immur il-ħabs ħa jkollok problemi kbar, ħa jkollok problemi kbar ħafna miegħi," xi ħaġa hekk. Imbagħad ma nafx qallix "ħa npattihielek" jew "ħa tlaqqatha," jew xi ħaġa hekk; dawk ma nafx, m'inhix ċert fuqhom."*.[11] Ix-xhud jispjega li dan sehh hekk kif wiehed jinzel it-tarag li hemm barra mill-awla C, fil-bini tal-Qorti t'Ghawdex.[12]

In kontro-ezami jghid li kif Attard beda jheddu dahal fl-awla w informa b'dan lis-surgent. Konfrontat mill-abbli difensur tal-imputat dwar il-fatt li fix-xhieda tieghu Borg juza kemm il-darba il-kliem *"xi haga hekk"*, jinsisti li hu kien qed ikun veritjier. Insista li gie mhedded izda fejn ma ftakarx xi kliem intqal, qal li mhux cert ***"Li sar it-theddid huwa car".***[13]

Il-Qorti, kif anke rrimarkat waqt il-kontro-ezami x'hin l-abbli difensur allega li x-xhud kien taha verzjonijiet differenti, tqis li **ma kienx hemm prevarikazzjoni da parti ta' Borg**. Ghalkemm hu minnu li ntuzat il-frazi *"xi haga hekk"* kemm il-darba, il-Qorti setghet tara u tevalwa l-komportament ta' Borg fuq il-pedana, u fil-fehma taghha, intqalet din il-frazi meta – kif wara kollox jistqarr l-istess Borg – meta ma kienx cert dwar il-kliem <u>precizi</u> li ntuzaw minn Attard. Fil-fatt mitlub jirrepeti l-kliem li ntqal minn Attard, Borg jerga` jiddikjara dak li gja` qal fix-xhieda tieghu in ezami: *"li qalli żgur hu, qalli,* ***"jekk immur il-ħabs ħa <u>jkollok</u> problemi kbar <u>miegħi</u>!"*** *Li qalli żgur hu, qalli, "Jien ma nibża' minn ħadd!" Qalli,* ***"hawn ġol-Qorti ngħidhomlok dawn l-affarijiet għax jien ma nibża' minn ħadd!"*****.....** ***Ħassejtni intimidat u mhedded,*** *iva..... Qalli,* ***"ħa <u>jkollok</u> problemi kbar <u>miegħi</u>."*** *".*[14]

Mitlub jispjega ghaliex qal lill-pulizija li Attard qallu *"ha noqtlok"* Borg jixhed li ma jiftakarx li qal dawn il-kliem precizi izda dak li hu cert minnu hu li Attard qallu ***"ħa jkollok problemi kbar miegħi, ħa jkollok problemi kbar miegħi,".***[15] Kompla li hu zgur li ma kienx qal kliem inveritjier dakinhar li sehh l-incident u jista' jkun illum mhux jiftakar x'qal lill-pulizija *a tempo vergine* propju peress li dak il-hin **kien qed ihossu intimidat**.[16] Madanakollu jishaq li ma jiftakarx li l-imputat heddu li ser joqtlu.

---

[11] Fol.27 tergo-28
[12] Fol.28
[13] Fol.29
[14] Fol.29-29 tergo
[15] Fol.30
[16] Ibid

Hu propju minn hawn li terga' tirrizulta **l-kredibbilita` ta' Borg**. Ghalkemm seta' jkompli jzejjen il-verzjoni tieghu tenut ta' dak li gie miktub minn PS698 Tabone fil-Current Incident Report, hu ma jaghmel xejn minn dan!

Ma jippruvax ikabbar u jirrendi aktar gravi l-incident billi jikkonferma li gie mhedded bi qtil. Ghall-kuntrarju jirrepeti li ma jiftakarx li Attard qal kliem fis-sens li kien ser joqtlu: *"Għidtilkom li niftakar żgur hu li qalli, **"ħa jkollok problemi kbar miegħi jekk immur il-ħabs u jien ma nibża' minn ħadd, qed ngħidhielek ġol-Qorti,"** u jiġifieri l-mod kif qed fuqek hekk, huwa bniedem li qed jgħidlek dan il-kliem huwa bniedem li ovvjament tħossok mhedded, tħossok intimidat."*.[17] Isemmi li ma jiftakarx min avvicina lil min, izda kollox beda meta gharrfu li ghal kawza tieghu (ta' Borg), Attard ma deherx u gie kkundannat ghall-multa.[18] Itemm ix-xhieda tieghu hekk, *"jien m'inhix qiegħed hawn biex inpattihielu jew biex infittex, anzi jien nixtieq nitlob lill-Qorti li tkun lenient miegħu. Issa ovvjament f'idejn il-Qorti, jiena dik ix-xewqa tiegħi, biss jien li nixtieq li nkun protett għax jien ovvjament inħossni mhedded,"*.[19]

Riprodott Borg jixhed: *"Bażikament li kien ġara dakinhar xħin ġejt il-Qorti li kien hemm il-kawża biex jinstema' meta Alfred Attard kien akkużat li għamel xogħol ta' private investigator u jien kont xhud f'dik il-kawża li xħin dħalt u ltqajna fejn il-bieb tal-awla fost ħafna nies u jien għidtlu "Għall-kawża meta kont akkużat jien ma ġejtx". U hu qalli xi ħaġa... għidtlu "jien weħilt multa ta' mija u ħamsin ewro (€150)" u qalli xi ħaġa along the lines <u>qalli "Mela inti għidtilhom li għamiltlek xi xogħol jew hekk?" u jien għidtlu "iva". Qalli "U l-karti li konna iffirmajna urejtomlhom?" u jien għidtu "Iva" għidtlu "il-Qorti għandu kollox. Mhux kollox għall-Qorti għamilniehom?"</u> U kont qed nirreferi ovvjament għall-kawża tal-familja. Aħna x-xogħol li għamilna għall-Qorti tal-Familja x-xogħol li għamilli Alfred Attard. U <u>minn hemm imbagħad beda t-theddid</u> li mbagħad beda jgħidli li... mbagħad li niftakar li qalli żgur fost jista' jkun affarijiet oħra li jekk mmur għall-**..."Aħna mhux hekk ftehmna! qaluli fuqek kif int li tagħmel hekk, jekk immur il-ħabs se jkollok problemi kbar miegħi!"...** u komplejna along the lines, u din tkompli wkoll max-xhieda tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru. Ir-raġuni għalfejn qed nikkjarifika dak il-punt għax fil-kontro eżami kien hemm ħafna mistoqsijiet ta' min approwċja lil min u kif bdiet id-diskussjoni, eċċetra, eċċetra. Jiġifieri permezz ta' dan issa qed ngħid l-istorja iktar sħiħa mill-bidu sal-aħħar b'mod korrett kif ftakartha sew issa."*.[20]

**Keith Cutajar**, spjega kif uza dak li jissejjah "optimization" li ppermetta li l-akustika tar-*recording*[21] li pprezenta Victor Paul Borg giet irfinuta billi jitnehha

[17] Fol.30 tergo
[18] Ibid.
[19] Fol.31
[20] Fol.50-51
[21] **Dok.VPB1** a fol.32 (originarjament mmarkat **Dok.VB**)

*background noise*. Dan sussegwentement ippermetta li l-konversazjoni tinfthiem aktar u tigi traskritta.[22] Ir-relazzjoni flimkien mat-traskrizzjoni wkoll giet ipprezentata.[23]

Il-Qorti semghet l-*audio* u senjatament il-file bl-isem ***"190131_1166 Alfred Attard threats_optimised"*** u tikkonferma li l-vuci ta' Borg tikkorispondi ma Persuna B u dik tal-imputat li anke xehed u intervjena diversi drabi fil-kors tal-proceduri, bhala dik li tappartjeni lil Persuna A. Minn dak li jirrizulta mill-provi - u senjatament mix-xhieda ta Borg meta jghid *"Mela, dħalt fl-awla, sibt il-kuntistabbli li jgħajjat lin-nies, għidtlu, "dan qed jheddidni." Dan mar kellem lill-ispettur, l-ispettur kien il-kollega tal-Ispettur Spiteri, ħareġ dan, qallu, "oqgħod kwiet!" xi ħaġa hekk, qallu, "toqgħodux titkessħu hawn." Xi ħaġa hekk."*[24], Persuna D hi l-ufficjal tal-pulizija li ntervjena fl-incident.

Jigi nnutat hawn ukoll kemm Borg juza ta' spiss il-frazi *"Xi haga hekk"* biex ifisser 'f'dak is-sens'. L-istess kif is-Surgent juza l-frazi *"bhal speci"*[25] fl-istess vena meta jiddeskrivi dak li qal lil Borg u Attard dakinhar tal-incident barra l-awla!

Fil-fatt kif turi t-traskrizzjoni **hu minnu li Attard uza kliem simili ghal dak deskritt minn Borg** u ghalhekk minkejja li ta' spiss juza din il-frazi, din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkondividi l-fehma tal-abbli difensur, hekk kif maghmulha fis-sottomissjoniiet orali tieghu, li din hi prova ta' kemm kien konfuz fix-xhieda tieghu Victor Paul Borg!

Fil-fatt din **it-traskrizzjoni ma thalli ebda dubbju dwar il-veracita` ta' dak mistqarr minn Borg**. Il-verzjoni tieghu hi **korroborata** mill-istess traskrizzjoni fejn anke tissemma' t-twiddiba li l-ufficjal tal-pulizija taha lil Attard; propju kif xehed l-istess Borg.[26]

> *"Persuna A: ...**bi kbira ħa <u>tkunlek</u>**. Għax aħna mhux hekk ftemna...**<u>aħna ftemna li ma titkellem xejn.</u>***
> *Persuna B: lele aħna ma ftemna xejn.*
> *Persuna A: Lele issa nlestu u **<u>mhux ħa nħallik</u> treddaħuli**.Ejja ħa nlestu ... (jinstemgħu diversi ħsejjes)...qiegħed **ngħida quddiem in-nies. Għax problemi <u>ikollok miegħi</u> kbar.***
> *Persuna B: Issa jien xi tridni ngħamel.*

---

[22] Fol.37
[23] **Dok.KC** a fol.39 et seq
[24] Fol.28 tergo
[25] Fol.53
[26] Ibid.

*Persuna A: Issa ngħida quddiem il-Qorti. Quddiem il-Qorti ngħida jien. Għax* ***jien ma nibza minn ħadd.*** *Biex tkun taf. Għax aħna ftemna li ma kellux iħallasni(jinstema diskors mhux ċar) ...* ***bi kbira ħa tkun****.* ***Qiegħed ngħidilek quddiem in-nies. Bi kbira tkunlek.***
*Persuna B: Jien m'amiltx l-ebda rapport.*
*Persuna A:* ***Qiegħed ngħidlek bi kbira ħa tkunlek. Qiegħed ngħidlek quddiem in-nies****. (jinstema diskors mhux ċar) mhux lili. Għax jien mxejt ta' raġel miegħek.* ***Tredaħuli bi kbira ħa tkunlek, qiegħed ngħidlek quddiem in-nies.***
*Persuna B: (jinstema diskors mhux ċar)... jien amilli biċċa xogħol u jien ħallastu...*
*Persuna A: Aħna mhux hekk ftemna.* ***Inti taf x'inti...pufta kollok. Qiegħed tgħamilha ma bniedem*** *(jinstema diskors mhux ċar)...****attent.*** *Qaluli għalik ta', u wara sirt naf, li tilgħab bil-logħob.*
*Persuna B: Ħa ngħamillek rapport ħa.*
*Persuna A: Għamilli rapport.*
*Persuna B: <u>Dan qiegħed jgħiddidni ta'</u>.*
*Persuna A: <u>Ma ngħiddek xejn.</u>*
*Persuna B: Qiegħed jgħiddidni.*
*…..*
*Persuna D: Ara ma nikkumidjawx? Ma nikkumidjawx. Ma nikkumidjawx għax ngħid lil Maġistrat. Qiegħdin il-Qorti...sewwa?"*[27]

L-imputat **Alfred Attard** jixhed li kull ma kien ghamel kien li staqsa lil Borg jekk kienx qal lill-pulizija kollox u cioe` li kien thallas minn Borg €800 biex jaghmillu xoghol t'investigatur. *"U jiena għidtlu, "aħna mhux hekk fthemna aħna,""*. Jichad li hedded lil Borg u bil-kliem "hazin ikun ghalik" jghid li ried ifisser li kien ser ikollu jghid lill-pulizija dwar dak ix-xoghol li ghamel ghal Borg fejn fi kliem l-imputat, fuq domanda diretta tal-Qorti, jammetti *"Le,* ***ma xtaqtx nuri x'nagħmel****. Daqshekk ix-xogħol..... Jiena għidt ħażin ħa jkun għalih għax jiena ħa ngħid lill-pulizija dak kollox li ġagħlni nagħmel. Dik kienet. Li* ***għidtlu "ħażin ikun għalik" ħa ngħid lill-pulizija x'ġiegħlni nagħmel hu****.... L-affarijiet tahomli hu biex nagħmel l-affarijiet li għamilt xogħli..... qatt ma heddiddtu jien. Kulma għidtlu dik il-kelma għidtlu biss; m'għidtlu xejn iktar..... Għidtlu, "ħażin ikun għalik" għax ħa ngħid lill-pulizija, il-verità, li ġagħlni nagħmel ix-xogħol hu."."*.[28]

It-traskrizzjoni tal-konversazzjoni izda taghti stampa ohra. Stampa li tirrifletti ghal kollox ix-xhieda moghtija minn Borg.

**L-imputat uza kliem ta' theddid fil-konfront ta' Borg u dan ghaliex bix-xhieda tieghu Borg, kemm il-darba kien ser jixhed is-sewwa, seta'**

[27] Fol.45
[28] Fol. **

**jikkomprometti u jippregudika lil Attard**. Mhemmx dubbju tas-sinifikat tal-kliem goff w aggressiv uzat minn Attard li malli jismaghhom Borg jipprova jurieh li dawn il-proceduri fil-konfront ta' Attard ma nbdewx minhabba li ghamel rapport kontra tieghu:

> *"Persuna A: ...**bi kbira ħa tkunlek. Għax aħna mhux hekk ftemna**...**aħna ftemna li ma titkellem xejn… …mhux ħa nħallik treddaħuli**.Ejja ħa nlestu ... (jinstemgħu diversi ħsejjes)...qiegħed **ngħida quddiem in-nies. Għax problemi ikollok miegħi kbar.***
> *Persuna B: Issa jien xi tridni ngħamel [?]*
> *Persuna A: Issa ngħida quddiem il-Qorti. **Quddiem il-Qorti ngħida jien. Għax jien ma nibza minn ħadd.** Biex tkun taf. Għax aħna ftemna li ma kellux iħallasni(jinstema diskors mhux ċar) ... **bi kbira ħa tkun. Qiegħed ngħidilek quddiem in-nies. Bi kbira tkunlek.***
> *Persuna B: Jien m'amiltx l-ebda rapport.*
> *Persuna A: **Qiegħed ngħidlek bi kbira ħa tkunlek. Qiegħed ngħidlek quddiem in-nies**. (jinstema diskors mhux ċar) mhux lili. Għax jien mxejt ta' raġel miegħek. **Tredaħuli bi kbira ħa tkunlek, qiegħed ngħidlek quddiem in-nies… … Inti taf x'inti...pufta kollok. Qiegħed tgħamilha ma bniedem** (jinstema diskors mhux ċar)...**attent.".**[29]*

Li kieku kien minnu li bil-kliem uzat minn Attard hu ried ifisser li kien ser jixhed dwar dak li tqabbad jaghmel minn Borg, xi htiega kien hemm li sahansitra **jintilef f'tghajjir u theddid fil-konfront ta' Borg**: *"…bi kbira ħa tkunlek. Għax aħna mhux hekk ftemna...**aħna ftemna li ma titkellem xejn**……**mhux ħa nħallik treddaħuli….. Tredaħuli bi kbira ħa tkunlek, qiegħed ngħidlek quddiem in-nies… … Inti taf x'inti...pufta kollok**. Qiegħed tgħamilha ma bniedem …...attent.".*[30]

Mhemmx dubbju li kliem uzat fil-konfront ta' Borg jikkostitwixxi theddid verbali u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvata.

Rigward it-tieni imputazzjoni iissir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Concetta Green** fejn il-Qorti ddikjarat:[31]

> *L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-*

[29] Fol.45
[30] Fol.45
[31] Qorti tal-Appell Kriminali; Dec. 19 ta' Novembru, 1999; Volum LXXXIII.iv.441

> *inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*
>
> *L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.*

Fid-dawl tar-rizultanzi processwali minn fejn ma hemmx dubbju li qamet kommozzjoni barra l-awla tal-Qorti - post miftuh ghall-pubbliku - tant li kellhom jintervjenu ufficjali li kienu fis-seduta, giet ippruvata wkoll din it-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u cioe` dik ravvizata bl-artikolu 111(1) tal-Kodici Kriminali, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid dan fuq ir-reat imsemmi li qabel kien jinkwadra fl-110:

> As **Jameson** pointed out (report p.86):-
> *"the administration of justice may also be obstructed and the interest of individuals injured by the suppression of evidence as well as by its fabrication. The Criminal Courts in some countries have been in use to punish this offence as a contempt of judicial authority but it seems more proper to include the offence underneath the head of obstructions to the public administration, than leave it to the unknown and ambiguous class of contempt.*
>
> The first species of this offence consists in <u>deterring</u> a person from coming forward to give the necessary information or evidence in a civil or criminal cause or to the competent authority.
>
> *"Egli e` evidente* – **Falzon** wrote concerning this offence – *che tra i principali requisiti di questo reato sia <u>la coazione</u> fisica o <u>morale</u> di una persona a non dare la neccesaria prova in una causa, dimodoche` risultando non esservi stato un atto bastevole ad impedire la prova o non essendo necessaria la prova che si volesse impedire per la giusta definizione della causa sia civile che criminale, non ci sara` luogo a precedimento per tale reato".* (op.cit.p.238)[32]

L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti (i) f'att ta' persuna (ta' kummissjoni jew ommissjoni), komportament, attitudini, gesti, kliem bil-fomm jew bil-kitba, li (2) ma jhalliex persuna ohra (u ghalhekk jinhtieg in-<u>ness kawzali</u>) (3) tagħti t-tagħrif jew provi meħtieġa.

Mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni, ir-reat ikkunsmat javvera ruhu **hekk kif il-persuna l-ohra effettivament tkun giet mxekkla jew ma thallietx** – <u>imqarr jekk b'mod temporanju, ghal qasir zmien jew f'okkazzjoni wahda partikolari (fejn din setghet eventwalment xehdet jew taghat l-informazzjoni)</u> - **tagħti t-tagħrif jew provi meħtieġa.**

---

[32] P.79-80

Jekk mill-banda l-ohra, l-agent juza xi att (ta' kummissjoni jew ta' ommissjoni), kompartament, gesti, attitudini, kliem bil-fomm jew bil-kitba li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz (inkluz f'certi kazijiet, il-vulnerabbilita` jew dipendenza tal-persuna l-ohra) setghu kellhom l-effett mixtieq (li ma jhallux lill-persuna l-ohra milli tixhed jew taghti l-informazzjoni) izda, minkejja dan, il-persuna l-ohra xorta eventwalment taghti x-xhieda taghha jew taghat l-informazzjoni minghajr xi dewmien jew trapass ta' zmien, dan iwassal biss ghat-tentattiv ta' dak ir-reat.

Issa fil-kaz in dezamina ghalkemm l-agir t'Attard, it-theddid verbali, jinkwadra perfettament f'dak li l-gurista Falzon jiddefinixxi bhala *"coazione morale"*, madanakollu dawn l-atti huma nieqsa minn kwalunkwe prova li turi sal-grad mistenni li effettivament Borg spicca **ma xehedx** fil-konfront ta' Attard bhala konsegwenza – in-ness kawzali – tal-ghemil ta' Attard. Ma giex soddisfacentement ippruvat li dakinhar Borg ma xehedx kontra Attard propju w esklussivament minhabba dak it-theddid.

Fil-fatt Borg jixhed li wara li dahal fl-awla u informa lil Magistrat Mifsud b'dak li kien sehh, is-seduta kellha tigi differita peress li Attard kien sprovvist mill-avukat ta' fiducja tieghu *"imbghad il-hearing gie aggornat minhabba li hu ma kellux avukat lanqas"*.[33] Jinghad ukoll li l-Qorti baqghet ma gietx prezentata bi provi dwar jekk u meta Borg xehed wara dakinhar tal-31 ta' Jannar, 2019.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, Attard jista' jinstab hati biss in kwantu ghat-tentattiv tar-reat ravvizat bl-artikolu 111(1) tal-Kodici Kriminali.[34]

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tal-akkuzi li dwarhom qed tinstab htija. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li t-theddid ta' Attard sabiex Borg ma jghidx is-sewwa sar propju fil-bini tal-Qorti! Bi kliemu Attard ried juri l-prepotenza tieghu; id-dizrispett lejn l-awtorita` tal-Qorti billi quddiemha jinghad dak li m'ghandhux mis-sewwa. Il-kliem li ntuzaw mhemmx dubbju li kienu ntizi jnisslu biza' f'Borg: *"Issa ngħida quddiem il-Qorti. Quddiem il-Qorti ngħida jien. Għax* ***jien ma nibza minn ħadd.*** *Biex tkun taf. Għax aħna ftemna li ma kellux iħallasni(jinstema diskors mhux ċar) ...* ***bi kbira ħa tkun. Qiegħed ngħidilek quddiem in-nies. Bi kbira tkunlek….. Qiegħed ngħidlek bi kbira ħa tkunlek. Qiegħed ngħidlek quddiem in-nies.*** *(jinstema diskors mhux ċar) mhux lili. Għax jien*

---

[33] Fol.28 tergo.

[34] Tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 467(4) tal-Kodici Kriminali kif rez applikabbli ghall-procedimenti quddiem Qrati tal-Magistrtai bl-artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali.

*mxejt ta' raġel miegħek.* ***Tredaħuli bi kbira ħa tkunlek, qiegħed ngħidlek quddiem in-nies. … … Qiegħed tgħamilha ma bniedem ……attent.".*** [35]

Fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, bir-reat l-aktar gravi jkun dak ravvizat fit-tielet imputazzjoni u cioe` bl-artikolu 111(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 111(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet numru 1 u numru 2, u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni qed tinstab htija in kwantu ghat-tentattiv tar-reat addebitat, tikkundannah **hames (5) xhur prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal **sentejn (2)** millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€275.99** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Victor Paul Borg ghal zmien tlett snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

35 Fol.45